MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 163/2011

**Express Travel Limited (C-5997)**

**Vs**

**Joseph Caruana Smith (Karta ta' l-Identità bin-Numru 158556M) u b'Digriet tal-5 ta' Ottubru 2011 gie nominat Kuratur Dr. Henry Antoncich**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà rikorrenti fid-19 ta' Mejju 2011 permezz ta' liema filwaqt li tippremetti li: (a) b'sentenza moghtija fit-22 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet "Express Travel Limited v. Joseph Caruana Smith" Avviz Nru. 398/05SM, hija giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat fl-ammont ta' Lm2,115.18, illum ekwivalenti ghal €4,927.04, bl-imghax kummercjali dekoribbli mill-11 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez giudizzijarji; (b) ma giex intavolat appell minn din is-sentenza; (c) il-kreditu taghha fil-konfront ta' l-intimat

ghadu ma thallasx nonostante diversi tenttattivi da parte taghha ghall-esekuzzjoni ta' l-istess; u li (d) minhabba t-trapass taz-zmien mahsub fil-Ligi ghat-twettiq tat-titolu taghha fil-konfront ta' l-intimat, ressqet il-proceduri odjerni a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob li l-Qorti tawtorizzaha sabiex twettaq mill-gdid l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv rivestit fiha bis-sahha tas-sentenza pronuncjata fit-22 ta' Novembru 2005 fl-ismijiet "Express Travel Limited v. Joseph Caruana Smith" Avviz Nru. 398/05SM, ghall-finijiet ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana prevja kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun, bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat illi l-kontenut tar-Rikors gie debitament ikkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant tas-socjetà Express Travel Limited, Dr. Ray Bondin;

Rat is-sentenza fl-ismijiet "Express Travel Limited v. Joseph Caruana Smith" Avviz. Nru. 398/05SM deciza fit-22 ta' Novembru 2005;

Rat id-Digriet datat 20 ta' Mejju 2011 bis-sahha ta' liema r-Rikors gie appuntat ghas-smigh ghad-9 ta' Gunju 2011 fid-9:30a.m. u gie ordnat li r-Rikors u d-Digriet jigu notifikati lill-intimat b' zmien gimgha ghar-Risposta;

Rat ir-Rikors tas-socjetà Express Travel Limited ipprezentat fis-26 ta' Awissu 2011, permezz ta' liema titlob il-hatra ta' Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-intimat assenti minn dawn il-Gzejjer;
Rat id-Digriet datat 5 ta' Ottubru 2011 bis-sahha ta' liema l-Avukat Dottor Henry Antoncich gie mahtur bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti intimat Joseph Caruana Smith;

Rat ir-Risposta tal-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Henry Antoncich permezz ta' liema ssottometta li *mhux edott mill-fatti li taw lok ghar-Rikors tas-socjetà rikorrenti u ghalhekk jirrizerva li jipprezenta r-Risposta opportuna meta u jekk huwa jirnexxielu jikkomunika ma' l-assenti minnu rapprezentat*;

Rat illi waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011 il-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Henry Antoncich iddikjara li ma rnexxilux jottjeni *contact details* ta' l-intimat u ghalhekk ma rnexxilux jaghmel kuntatt mieghu;

Rat illi waqt l-istess seduta tal-5 ta' Dicembru 2011, ir-Rikors thalla ghad-Digriet;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalkemm is-socjetà rikorrenti ma esebitx kopja tas-sentenza fl-ismijiet "Express Travel Limited v. Joseph Caruana Smith" Avviz Nru. 398/05 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Novembru 2005, il-Qorti xorta wahda hadet vizjoni taghha u tikkonferma li bis-sahha ta' l-imsemmija sentenza s-socjetà rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat fis-somma ta' Lm2,115.18, illum ekwivalenti ghal €4,927.04, bl-imghax kummercjali dekoribbli mill-11 ta' Dicembru 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez giudizzijarji. Tikkonferma wkoll li ghaddew iktar minn hames (5) snin minn dakinhar li fih skond il-Ligi t-titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat nascenti mill-imsemmija sentenza seta' jigi esegwit fil-konfront tieghu.

Mill-atti processwali jirrizulta li Dr. Ray Bondin, rapprezentant tas-socjetà rikorrenti, ikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn pretiz mill-imsemmija socjetà minghand l-intimat u li dan id-dejn ghadu dovut.

Apparte l-fatt li mill-premess it-talba tas-socjetà rikorrenti tirrizulta gustifikata, il-Qorti tosserva li t-talba taghha ma gietx kontestata in kwantu l-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Henry Antoncich, mahtur sabiex jirrapprezenta l-intimat peress illi assenti minn dawn il-Gzejjer, ma rnexxilux, nonostante tenttativi, jaghmel kuntatt ma' l-istess intimat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjetà rikorrenti u a tenur ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta

tawtorizza lill-istess socjetà rikorrenti tesegwixxi kontra l-intimat, permezz tal-Mandati Ezekuttivi opportuni, it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu nascenti mis-sentenza fl-ismijiet “Express Travel Limited v. Joseph Caruana Smith” Avviz Nru. 398/05 deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta’ Novembru 2005, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-Kuratur Deputat nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------